**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' April, 2024

Rikors Ġuramentat: 60/22/2AL

**A B**

**vs.**

**Dr Victor Bugeja bħala kuratur ta' C D E**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-attur preżentat fis-26 ta' Jannar 2024, permezz ta' liema għar-raġunijiet hemm premessi talab żieda ta' talba mar-rikors ġuramentat tiegħu kif ġej:

*1. Illi fl-ahhar gimghat l-esponenti biddel l-avukat tieghu u nkariga lis-sottoskritta;*
*2. Illi permezz tar-rikors guramentat tieghu, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti ghall-hall taz-zwieg u anke ghall-firda minn ma' martu;*

*3. Illi jidher illi bi zvista ma saritx talba sabiex din l-Onorabbli Qorti xxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess;*

*4. Illi r-rikorrent jiddikjara ghal kull buon fini li z-zieda ta' din it-talba bl-ebda mod ma tbiddel is-sustanza tal-azzjoni tieghu fuq il-mertu tal-kawza;*

*5. Illi issir referenza ghar-regolament 12 tal-Avviz Legali 397/2003, skont liema, <u>"L- imhallef (.......omissis) li jista' jkun assenjat ghall-kaz, u dan dejjem taht id-direzzjoni tal-Qorti, ghandhom jaghtu kull ordni skond ma jista' jkun necessarju ghall-ahjar tmexxija tal-kaz".</u>*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tordna u tawtorizza zieda ta' talba mar-rikors guramentat tal-attur li ghandha taqra :*

*1. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-konvenuta titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenuta fl-eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;*

*u dan dejjem taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti thoss li huma xierqa u idoneji fic-cirkostanzi.*

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma ppreżentax risposta;

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat:

Illi hawnhekk il-Qorti għandha talba mill-attur sabiex il-Qorti tawtorizza żieda ta' talba fir-rikors ġuramentat promotur *ai termini* tal-Artikolu 175 tal-Kap 12.

L-Artikolu kkwotat jgħid kif ġej:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*

*...*

*(3) Il-qorti tista', sa dakinhar li tagħti s-sentenza u taqta' l-kawża, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv f'att ġudizzjarju."*

L-oriġini ta' dan l-artikolu huwa spjegat f'għadd ta' sentenzi li jelaboraw fuq is-setgħat li dan l-Artikolu jagħti lill-Qrati. Fis-sentenza mgħotija fid-29 ta' Novemebru 2022 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Avv Dr Marlon Borg vs Virtual Digital Services**, il-Qorti qalet hekk: *"14. Dan l-artikolu tal-liġi, li jaf l-oriġini tiegħu għall-ewwel kodiċi ta' organizzazzjoni u proċedura ċivili lura f'nofs is-seklu tmintax, serva tajjeb ħafna l-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'pajjiżna għaliex bis-saħħa tiegħu huma bla għadd il-każijiet li fihom ġie evitat li xi att afflitt minn xi żball iwassal għal tmiem ħesrem tal-proċedura ġudizzjarja mingħajr ġudizzju fil-mertu bil-ħtieġa ta' intavolar ta' azzjoni ġdida bil-konsegwenti spejjeż addizzjonali u ħin mitluf. 15. Ir-ratio wara dan l-artikolu huwa evidenti, sabiex jiġu evitati dupliċita' ta' kawżi u formaliżmu rigoruż li ħafna drabi jwassal sabiex jiġi stultifikat*

*il-kunċett tal-ġustizzja (Edwin Mirabelli noe vs James Gollcher et noe - Qorti tal-Appell - 14 ta' Marzu 1988).*"

Tgħid ukoll il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'l-4 ta' Marzu 2022 fil-kawża f'l-ismijiet **Alfred Schwabb vs Mr Green Limited** li: "*L-għan wara dan l-artikolu huwa li kemm jista' jkun jiġu salvati dawk l-atti ġudizzjarji li ma jkunux tħejjew tajjeb mill-ewwel, ħalli b'hekk tiġi mwarrba l-possibilità li jfaqqsu proċeduri separati minħabba dikjarazzjoni ta' nullità ta' dawk l-atti (ara Paul Abela et v. Busietta Gardens Madliena Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2004). Huwa ċar li l-leġislatur ried b'dan l-artikolu tal-liġi illi jevita li kawżi jiġu maqtula minħabba formaliżmu u rigorożità esaġerata fil-proċedura (ara Diane Schembri et v. Alfred Schembri & Sons Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2015).*"

Jidher ċar għalhekk illi l-iskop ta' l-Artikolu 175 huwa dak li, fil-limiti ta' dak permess minn din id-dispożizzjoni, parti f'kawża tkun tista' tikkorreġi jew tissana l-atti ta' kawża biex b'hekk kawżi jiġu deċiżi primarjament fuq il-mertu u mhux jiġu stultifikati minħabba diffetti proċedurali. Permezz ta' dan l-Artikolu, l-Qrati jingħataw setgħa u diskrezzjoni wiesgha sabiex l-atti jiġu sanati. Tgħid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza riċenti tagħha fl-ismijiet **Carmel *sive* Charles Caruana u martu Maria Theresa Caruana, Joseph Caruana u martu Victoria Anna *sive* Vivian Caruana u Alca Properties Limited (C. 12504) vs Onor. Prim Ministru Dr Robert Abela bħala l-Kap tal-Gvern Malti; Onor. Ministru tal-Ġustizzja, Dr Jonathan Attard bħala l-Ministru Responsabbli mill-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern; Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, Dr Byron Camilleri bħala Ministru Responsabbli mir-Reġistru Pubbliku; Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza; Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal kull interess li jista' jkollu; Nutar tal-Gvern għal kull interess li jista' jkollu; u Kummissarju għat-Taxxi Interni għal kull interess li jista' jkollu fil-Liġi**[1] illi: "*Id-diskrezzjoni tal-qorti taħt l-Artikolu 175(1) hija wiesgħa*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu 2024, (Rik. Nru 665/22/1 TA).

*ħafna għaliex tikkontempla kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni fl-atti ġudizzjarji. Skont is-subinċiż (3) tal-Artikolu 175 u l-ġurisprudenza din id-diskrezzjoni tal-qorti li tordna tiswijiet fl-atti ġudizzjarji tista' tiġi eżerċitata kemm ex officio fis-sentenza tagħha (ara* ***George Peresso v. Kummissarju tal-Pulizija et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju, 2003,* ***Salvu Briffa et v. Gerolamo Bugeja*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Settembru, 2006,* ***Victor Azzopardi et v. John Azzopardi et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2021) u kif ukoll mingħajr il-ħtieġa li tinstema' l-parti kuntrarja, jekk kemm-il darba l-qorti tħoss li tali intervent ma jkunx la meħtieġ u lanqas neċessarju (ara* ***Joseph M. Vella et v. Vella Brothers Limited et deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 2007 u Salem Nuri Razzewi v. Il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonniċi*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004). 24. Bħalma ngħad mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni* ***Roland Darmanin Kissaun v. GlobalCapital Financial Management Limited*** *mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2022, is-subinċiż (3) tal-Artikolu 175 jagħti lil kull qorti ssetgħa li tordna minn jeddha (jiġifieri, allura, bla ma tkun saritilha talba minn xi waħda mill-partijiet) li jissewwa xi nuqqas jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv li jkun hemm f'xi att. Il-kundizzjoni waħdanija li titlob il-liġi hija biss li dan irid isir, «sa dakinhar li (l-qorti) tagħti s-sentenza u taqta' l kawża. .»"*

Fir-rikors odjern, l-attriċi qed titlob illi tiżdied talba rigwardanti ix-xoljiment, terminazzjoni u likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti f'kawża li titratta l-ħall ta' żwieġ u l-firda bejn il-partijiet. Il-Qorti hawn trid tara jekk it-tali talba tibdel is-sustanza ta' l-azzjoni jew le. Jekk tali talba jekk akkolta ma tbiddilx is-sustanza u ma jiġux affettwati u preġudikati l-eċċezzjonijiet tal-konvenut allura l-Qorti m'għandiex tirrifjutaha. Tgħid fil-fatt il-Qorti fid-digriet mogħti fl-14 ta' Lulju, 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża fl-ismijiet **Dominic Zerafa et vs Carmela Buhagiar et**, illi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom jingħataw, fejn hu possibbli, interpretazzjoni wiesgħa u fejn jixraq u permess mil-liġi għandhom jiġu dejjem awtorizzati.

Il-Qorti tirrileva illi tali talba hija konsegwenza naturali tal-bqija tat-talbiet fir-rikors ġuramentat u l-Qorti ser tħalli lacuna fil-proċedura u

jkun ta' preġudizzju għaż-żewġ partijiet jekk f'vertenza ta' ħall ta' żwieġ u firda bejn il-partijiet, fejn għadha attiva l-komunjoni tal-akkwisti, din ma tiġix terminata u likwidata għaliex iż-żwieġ ma jistax jinħall jekk ma tkunx terminata l-komunjoni. Dan *in linea* mal-Artikolu 66 sub inċiż D tal-Kap 16. Tgħid fil-fatt il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Pisani vs Maria Rita Pisani**[2] illi: "*Jinghad ukoll illi mid-dicitura stess tas-subartikolu [5] tal-Artikolu 66D huwa evidenti li, f'dan il-kaz fejn il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ma jirrizultax li giet terminata, la b'sentenza li ordnat il-waqfien tal-komunjoni u lanqas permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, din il-Qorti tqis illi l-pozizzjoni legali hija inekwivoka fis-sens illi l-partijiet ma jistghux jghaddu ghad-divorzju minghajr ma jitterminaw u jillikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom.*"

Madanakollu l-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu f'punt sebgħa (7) jgħid illi *m'hemm xejn fil-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet x'jiġi diviż bejniethom.* Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-attur għal dan il-punt u tirrileva illi ladarba hi propensa li tilqa' t-talba sabiex tkun inkluża fir-rikors ġurament talba għal-xoljiment, terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni, allura jrid jitneħħa wkoll dan il-punt għaliex huwa kontradittorju mat-talba għal-likwidazzjoni. Il-Qorti qed tirrileva dan il-punt permezz tas-setgħat li jagħtiha l-Artikolu 175 sub inċiż 3 u kif jingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Limited** mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2022, li s-subinċiż (3) tal-Artikolu 175 jagħti lil kull Qorti s-setgħa li tordna minn jeddha (jiġifieri, allura, bla ma tkun saritilha talba minn xi waħda mill-partijiet) li jissewwa xi nuqqas jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv li jkun hemm f'xi att.

Din il-Qorti, ma hiex tal-fehma li l-inklużjoni ta' talba bħal din mar-rikors ġuramentat tbiddel in-natura jew is-sustanza ta' l-azzjoni anzi hija waħda neċessarja f'dawn il-proċeduri. Iż-żieda mitluba timporta wkoll li, *una volta* awtorizzata, ir-rikors kif korrett għandu jerga' jiġi notifikat mill-ġdid lill-Kuraturi Deputati li jkollhom il-fakolta` biex, *okkorrendo*, jissollevaw kull eċċezzjoni lilhom spettanti skond il-liġi, kif

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2018 (Rik. Nru. 156/14 RGM).

ukoll li jtellgħu kull prova ulterjuri b'riferenza għat-talbiet il-ġodda, kif ukoll li jagħmlu kull sottomissjoni dwarhom.

Għal kull bon fini, kif jingħad fis-sentenza **YM vs U b'digriet tal-10 ta' Diċembru 2018 ġiet nominata Dr Fransina Abela bħala Kuratur Deputat biex tirrapresenta lil BBSBABBH magħruf ukoll bħala HB assenti minn Malta**[3] anke li kieku l-proċess mar għas-sentenza mingħajr it-talba ta' xoljiment, diviżjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti xorta kien ikollha setgħa li tagħmel dan. Il-Qorti f'din is-sentenza tgħid illi *"Fl-atti ma hemm ebda talba ghal xoljiment jew divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti pero taghraf illi n-nuqqas ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, tista tippregudika serjament lill-attrici fil-futur kemm-il darba l-intimat jerga jirritorna Malta u jippretendi nofs il-gid li l-attrici tkun ghamlet bil-hila taghha mid-data tas-separazzjoni 'l quddiem. Il-Qorti rat illi l-Legislatur Malti pero, haseb ukoll ghal tali cirkostanza. Infatti, l-Artikolu 1332 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:*

*(1) Il-qsim ġudizzjarju ta' beni jista' jiġi dikjarat –*

*(a) ma' l-interdizzjoni jew l-inkapaċità ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ; jew*

*(b) meta s-sitwazzjoni diżordinata ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ jew l-imġieba tagħha dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti tipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti, jew tal-familja jew tal-parti li titlob il-qsim ġudizzjarju tal-beni; jew*

*(ċ) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tonqos sostanzjalment fid-dmir li tagħti sehemha għall-ħtiġiet tal-familja skont l-artikolu 3; jew*

*(d) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tkun ġiet eskluża mill-amministrazzjoni skont l-artikolu 1325, jew b'mod ġenerali jew sostanzjalment; jew*

---

[3] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-17 ta' Novembru 2021, (Rik. Ġur. Nru 287/2018 JPG).

*(e) mal-firda legali tal-miżżewġin. (enfasi ta' din il-Qorti)*

*F'kawzi ta separazzjoni fejn ikun hemm in-nuqqas ta talba preciza ghal-xoljiment u divizjoni, il-gurisprudenza Maltija irriteniet is-segwenti:*

*Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti:*

*L-attriċi titlob biss il-likwidazzjoni u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti, mingħajr ma titlob ukoll ix-xoljiment tagħha. Minkejja dan, il-Qorti tħoss illi jkun xieraq u opportun illi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dana bis-saħħa tal-Artikolu 1332 (1)(e) tal-Kapitolu 16 ta' Liġijiet ta' Malta u wkoll bis-saħħa tal-ħames talba tal-attriċi fejn hija talbet lill-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet u ddirettivi oħra li l-Qorti jidhrilha xierqa. Għaldaqstant bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B."*

Il-Qorti tħoss madanakollu illi ladarba l-attriċi qed tagħmel din it-talba u tixtieq tissana l-att promotur minn issa, jkun ideali li jsir dan anke f'isem il-korrettezza tal-atti u għal dan il-għan il-Qorti qieset it-talba tal-attriċi bħala waħda valida f'dan l-istadju.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tordna kif ġej:

1. Tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors tas-26 ta' Jannar 2024 sabiex tiġi miżjuda t-talba segwenti fir-rikors ġuramentat datat 17 ta' Marzu 2022:

*"Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-konvenuta titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenuta fl-eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;"*

2. Fit-tieni lok tordna illi jitneħħa punt sebgħa (7) mill-premessi fir-rikors ġuramentat datat 17 ta' Marzu 2022;

3. Tordna lill-attur jinnotifika mill-ġdid lill-Kuraturi Deputati bir-rikors ġuramentat kif korrett li minn naħa tagħhom ikollhom għoxrin (20) ġurnata mid-data tan-notifika biex jippreżentaw kwalunkwe eċċezzjoni ulterjuri li jidhrilhom xierqa.

Spejjeż ta' din l-istanza jkunu *a karigu* tal-attur.